MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1183/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Pfizer Products Inc., kumpanija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika.**

**vs.**

1. **ASHRAF SALEM MOHAMMAD AL JaBER, b'dettalji ta' identita` mhux maghrufa u b'indikazzjoni ta' "Sliema, Malta" bhala ndirizz**

**u**

**2. Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-12 ta' Jannar 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil ALGHOSN ALAKHDAR CO IMPORTING MEDICINES &**

**MEDICAL EQUIPMENT, b'indikazzjoni ta' "Tripoli, Libja" bhala ndirizz**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' **Pfizer Products Inc.**, kumpanija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika datat 30 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' attrici Pfizer Products Inc., hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* in konnessjoni man-negozju taghha fi prodotti farmacewtici fosthom dawk dwar il-prodotti "VIAGRA", maghrufin sew madwar id-dinja nkluza Malta.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici flimkien ma' kumpaniji ohra affiljati, kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat--*trademarks* taghha dwar prodotti "VIAGRA".

Illi fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament irregistrat f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali ta' pillola, kulur blu), u dan dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction*.

Illi s-socjeta` attrici hija "detentrici ta' dritt" u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such***

***rights*** u tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta)**, u biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10, 2. 1 (a), 16** u **17** tal-istess ***Council Regulation (EC) No 1383/2003*** fost ohrajn, kif ukoll fl-**artikoli 2 (1) (a), 4** u **8 (1)** tal-istess **Kap. 414** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 11 tal-*Council Regulation EC No. 1383/2003*** u fl-**artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx ta' *airfreight consignment in transit* kontenenti kwantita` ta' prodotti farmacewtici konsistenti f'pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant (gewwa pakketti relattivi), liema oggetti waslu fl-ajruport internazzjonali ta' Hal Luqa waqt procedura ta' trasbord favur kunsinnatarju ndikat fuq l-*Air Waybill* tal-wasla numru 055-56212660 mahrug minn ALITALIA S.p.A. bhala ASHRAF SALEM MOHAMMAD AL JaBER kif ukoll fuq l-*Air Waybill* tat-tluq numru 643-0711 3540 mahrug minn Air Malta p.l.c. bhala ALGHOSN ALAKHDAR CO IMPORTING MEDICINES & MEDICAL EQUIPMENT (ta' Tripoli, Libja), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-2 ta' Novembru 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta` attrici kopji ta' dokumenti relattivi ghal dan il-kaz fosthom *Air Waybill* numru 055-56212660 (mahrug minn ALITALIA S.p.A.), *Air Waybill* numru 643-0711 3540 (mahrug minn Air Malta p.l.c. u li juri *inter alia* ndrizz inkomplet tal-konvenut senjatament "Sliema, Malta" kif ukoll juri bhala kunsinnatarja lill-entita` konvenuta ALGHOSN ALAKHDAR CO IMPORTING MEDICINES & MEDICAL EQUIPMENT, b'indikazzjoni ta'

“Tripoli, Libja” bhala ndirizz), kopja tal-fattura relattiva mahruga fil-Libanu favur il-konvenut ASHRAF SALEM MOHAMMAD AL JaBER u kopja ta’ Polza tat-Taghbija bi Trazbord fejn l-istess konvenut ASHRAF SALEM MOHAMMAD AL JaBER jidher bhala “Esportatur”.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b’kollox 4,000 pillola (gewwa 1,000 pakkett ghal erba’ pilloli f’kull pakkett), huma oggetti falsifikati li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta’ ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta’ dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10**, u **14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416).**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-30 ta’ Novembru 2009 (inkluz) sabiex is-socjeta` attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet intimati tghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cioe` kwantita` ta’ prodotti farmacewtici konsistenti f’pilloli kulur blu u fil-forma ta’ djamant (gewwa pakketti relattivi), bhal pilloli kulur blu u fil-forma ta’ djamant tas-socjeta` attrici, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li *airfreight consignment in transshipment* (numru ta’ *Air Waybill* 055-56212660 mahrug minn ALITALIA S.p.A. u numru ta’ *Air Waybill* 643-0711 3540 mahrug minn Air Malta p.l.c.) kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuti.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u ta' – kif ukoll in konnessjoni mad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok "K" kif jidhru esebiti minn fol. 6 sa fol. 48 tal-process.

Rat id-digriet datat 12 ta' Jannar 2000 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema' fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 6 ta' Mejju 2010 a fol. 65 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi huma ma jafux il-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif ikollhom taghrif aktar detteljat li jghinhom jaqbdu mal-entita` li ghalih inhatru biex jidhru huma jaghmlu hilithom kollha ghal dan il-ghan sabiex jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati.

Rat li l-konvenut Ashraf Salem Mohammed AL JaBER ghalkemm debitament notifikat bil-procedura ai termini tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** ma deherx ghal kawza u lanqas ipprezenta risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 dehru Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta' attrici u Dr. Renzo Porsella Flores bhala kuratur deputat li rremettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici ghandha validament irregistrat f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali ta' pillola, kulur blu), u dan dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction* u dan apparti li hija proprjetarja tal-marka "VIAGRA" fuq diversi prodotti farmacewtici kif jirrizulta mir-rikors guramentat u mid-dokumenti annessi mal-istess.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 11 tal-*Council Regulation EC No. 1383/2003*** u fl-**artikolu 4 tal-Kap 414**, il-Kontrollur tad-Dwana fit-30 ta' Ottubru 2009 kien issosspenda r-rilaxx ta' *airfreight consignment in transit* kontenenti kwantita` ta' prodotti farmacewtici konsistenti

f’pilloli kulur blu u fil-forma ta’ djamant (gewwa pakketti relattivi), liema oggetti waslu fl-ajruport internazzjonali ta’ Hal Luqa waqt procedura ta’ trasbord favur kunsinnatarju ndikat fuq l-*Air Waybill* tal-wasla numru 055-56212660 mahrug minn ALITALIA S.p.A. bhala ASHRAF SALEM MOHAMMAD AL JaBER kif ukoll fuq l-*Air Waybill* tat-tluq numru 643-0711 3540 mahrug minn Air Malta p.l.c. bhala ALGHOSN ALAKHDAR CO IMPORTING MEDICINES & MEDICAL EQUIPMENT. Illi l-istess merkanzija kienet waslet Malta fuq t-titjira tal-Alitalia fid-19 ta’ Ottubru 2009 kollox kif jidher mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 30 ta’ Novembru 2009 (Dok. “I”).

Illi tali oggetti mertu ta’ din il-vertenza, jikkonsistu b’kollox f’4,000 pillola (gewwa 1,000 pakkett ghal erba’ pilloli f’kull pakkett), u dan kif indikat mill-Kontrollur tad-Dwan, liema oggetti gew mizmuma peress li l-istess ufficjali tad-Dwana gielhom suspett li l-istess oggetti kienu falsifikati u li allura jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici kif hawn indikat.

Illi konsegwnwenti ghall dan is-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-2 ta’ Novembru 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali u dan kif jirrizulta mill-ezamijiet li saru kif jirrizulta mir-rappport datat 26 ta’ Novembru 2009 ta’ Pierre Souvrain (Dok. “J”) u dan iwassal lill din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma humiex bl-ebda mod kontradetti.

Illi dwar l-ispejjez sabiex jigu distrutti l-istess oggetti dawn jinkludu dawk ukoll indikati fl-affidavit tal-imsemmija Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok “I” a fol. 41 - 42 tal-process) u ghalhekk fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici tilqa t-talbiet attrici l-aohra fis-sens hawn deciz.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Ashraf Salem Mohammed Al Jaber, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-istess, u **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cioe` kwantita` ta' prodotti farmacewtici konsistenti f'pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant (gewwa pakketti relattivi), bhal pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant tas-socjeta` attrici, konsistenti f'4,000 pillola (gewwa 1,000 pakkett ghal erba' pilloli f'kull pakkett), liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li *airfreight consignment in transshipment* (numru ta' *Air Waybill* 055-56212660 mahrug minn ALITALIA S.p.A. u numru ta' *Air Waybill* 643-0711 3540 mahrug minn Air Malta p.l.c.) kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi dawn l-oggetti hawn indikati, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-entitajiet konvenuti.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba ta' din l-azzjoni attrici.

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u ta' – kif ukoll in konnessjoni mad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l- entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------